Kunsill Lokali L-Iklin Local Council

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 45 – IT-TLIETA 12 TA' APRIL 2022**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**45.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

45.1.1 Ma kienx hemm.

**45.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

45.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (44) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

45.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 45.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

45.3.1 Ma kienx hemm.

## 45.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

45.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li x-xogħlijiet fi Sqaq in-Namur kien miexi kif ippjanat mill-kuntrattur appuntat mill-Kunsill. Ta spjegazzjoni dwar il-metodoloġija u l-materjali li qed jintużaw fl-imsemmi sqaq. Informa wkoll li saru xogħlijiet tal-ilma biex l-infrastruttura tkun *underground* u kien qed jittama li l-proġett b'fondi diretti mill-Kunsill jiġi konkluż fil-ġimgħat li ġejjin.

45.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li d-diffikultajiet li għad hemm pendenti dwar Triq il-Wied, għad irdu jiġu ndirizzati biex dan il-proġett infrastrutturali ikun a sodisfazzjon tal-Kunsill. Is-Sindku qal li issa li ngħataw id-dekasteri l-ġodda wara r-riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali, jirriżulta li hemm Ministru ġdid u anke CEO ġdid tal-Aġenzija Infrastructure Malta. Informa li kien imperattiv li ssir laqgħa mall-Ministru Dott. Aron Farrugia u anke ma' CEO biex l-is*nag list* tiġi ndirizzata b'mod li l-pendenzi jiġu riżolti fl-iqsar żmien possibbli. Il-petizzjoni li ġabar il-Kunsill qed tiġi analizzata u ċertament il-Kunsill se jkun qed jgħaddiha lill-Aġenzija kompetenti.

45.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-kumpannija ELC Ltd għaddiet komunikat lill-Kunsill li fl-aħħar ta' April 2022 kienet ser twaqqaf il-ftehim li hemm mall-Kunsill dwar il-manutenzjoni tal-parki u l-ġonna u *soft areas* madwar L-Iklin. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jerġa jikteb lill-ELC Ltd biex il-kumpannija tirrikunsidra l-pożizzjoni u ġġedded il-ftehim eżistenti sal-aħħar tas-sena biex il-Kunsill ikun jista jippjana t-triq 'il quddiem.

45.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa nhar it-18 ta' April kien ser jibda l-proċess tal-verifika għas-sena 2021 ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

45.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras tkellem dwar il-ħtieġa li fi Triq tal-Balal, isir titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku billi l-Kunsill jimplimenta *traffic mirror* peress li hemm xi residenzi li qed isibuha ferm diffiċli biex joħorġu fit-triq tal-Balal minħabba nuqqas ta' viżibilità. Ikkonkluda li kien importanti li l-Kunsill jassigura s-saħħa u s-sigurtà fit-toroq tal-Iklin.

45.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien qed jitħejja dokument tal-offerta dwar il-manutenzjoni tal-marki taż-żebgħa u sinjali tat-traffiku. Informa li peress li parti mill-proċess ikun dak li l-Kunsill jaħtar Bord tal-Evalwazzjoni, kien importanti li l-Kunsill jaħtar persuna teknika biex ikun jista jassisti fil-proċess. Ikkonkluda li kien qed jipproponi li fuq il-Bord ikunu l-Kunsillieri u persuna teknika biex jassisti lill-membri tal-Bord matul il-proċess.

45.4.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet assenjata persuna mill-iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation bl-iskop li l-Kunsill isaħħaħ ir-riżorsi umani. Is-Sindku informa li wieħed mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill se jkun qed jirtira f'Ġunju li ġej għalhekk l-Uffiċċju Amministrattiv kien qiegħed f'diskussjonijiet biex jassenja ħaddiema minn skemi disponibbli fil-mument.

45.4.8 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq suġġeriment biex il-Kunsill jesplora x'hawn fis-suq (market research) rigward mobile CCTV's biex il-Kunsill ikun jista jindirizza ċertu żoni li jakkumulaw il-miżbliet. Tkellem ukoll dwar il-possibiltà li l-Kunsill jieħu l-parir mingħand l-awtoritajiet konċernati biex naraw jekk CCTV's minn residenzi privati jkunux jistgħu jgħaddu footages biex jassistu lill-Kunsill fl-operat tagħhom.

## 45.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

45.5.1 Ma kienx hemm.

## 45.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

45.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-16 ta' Marzu u d-9 ta' April 2022 kif jidher fid-dokument A u B.

45.6.2 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 526/22. Stedina biex il-Kunsill jipparteċipa fil-festa tal-Imnarja.

45.6.3 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 552/22. Fattura minn fornitur lokali dwar ix-xiri tal-cat shelters.

45.6.4 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 556/22. Kwotazzjoni mingħand fornitur lokali dwar anti-slip solutions.

45.6.5 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 557/22. Korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar tema 'European opportunity for young local and regional politicians'.

45.6.6 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 566/22. The Malta Foundation for the Wellbeing of Society għaddiet il-manifest li ġie mħejji dwar id-drittijiet tat-tfal 'Children's Manifesto booklet'.

45.6.7 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 587/22. Il-Kunsill Reġjonali Lvant qed jikkordina proġett mall-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun fejn ser iniedi sett bolol bl-identità ta' kull lokalità rispettiva. Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill kien għadda landmarks li toffri din il-lokalità prinċipalment ix-xitla tal-klin, l-għassies li hemm fi Triq it-Timu, u l-megalithic remains li hemm fiż-żona ta' Triq in-Namur.

45.6.8 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 594/22. Tiġdid tal-ftehim ma' fornitur lokali dwar is-servizz tal-kontenituri fil-lokalità għall-użu ta' ħwejjeġ użati.

45.6.9 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 612/22. Approvazzjoni mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta dwar l-implimentazzjoni ta' *speed humps* fi Triq Ċensu Bugeja.

**COMPLAINTS SHEET (16 ta' Frar 2022 - 15 ta' Marzu 2022)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 23 | 18/02/2022 | Wed. & Fri. not collecting Organic waste in Triq il-Wied, 135 | settled | Triq il-Wied | **CONTRACTOR** |
| 24 | 22/02/2022 | Bozza mitfija quddiem stabbiliment tan-negozju fi Triq G.Abos | settled | Triq G.Abos | **ENEMALTA** |
| 25 | 22/02/2022 | Bozza mitfija fi Triq il-Plejju L12028 | settled | Triq il-Plejju | **ENEMALTA** |
| 26 | 22/02/2022 | Hemm kaptell tad-drenaġġ miksur fi Triq Ġwann Mamo | Pending | Triq Gwann Mamo | **COUNCIL** |
| 27 | 22/02/2022 | Cables imdendlin sew quddiem propjeta' fi Triq il-Wied | Pending | Triq il-Wied | **SERVICE PROVIDERS** |
| 28 | 24/02/2022 | Talba għal doggy bin fi Triq in-Namur | Pending | Triq in-Namur | **COUNCIL** |
| 29 | 28/02/2022 | Talba għal traffic mirror fi Triq Tal-Balal man-naħa tal-Iklin | Pending | Triq Tal-Balal | **COUNCIL** |
| 30 | 28/02/2022 | Bozza tagħmel ħsejjes lejl sħiħ. | Pending | Triq G.M.Azzopardi | **CONTRACTOR** |
| 31 | 01/03/2022 | Bozza mitfija Triq Stefano Erardi | settled | Triq S.Erardi | **ENEMALTA** |
| 32 | 01/03/2022 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Dun Karm fejn is-siġar qabel roundabout | settled 1 & 8 March | Triq Dun Karm | **SANITA`** |
| 33 | 01/03/2022 | Gutters miksurin fuq bankina fi Triq Ċ Bugeja 39/39A u 39B/C | Pending | Triq Ċ Bugeja | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 | 05/03/2022 | Traffic mirror miksura fi Triq Għargħur bejn Razzett L-Abjad u Il-Cortile | settled | Triq Għargħur | **COUNCIL** |
| 35 | 09/03/2022 | Bozza tixgħel u titfi Triq Ġ Bonnici | Pending | Triq Ġ.Bonnici | **ENEMALTA** |
| 36 | 09/03/2022 | Toqob vicin ta' tappiera tad-drenaġġ fi Triq Dun Karm, kaġun ta ġrieden | Pending | Triq Dun Karm | **WSC** |
| 37 | 11/03/2022 | Patching in various streets | settled | various streets | **COUNCIL** |
| 38 | 11/03/2022 | Refreshing in Triq C Bugeja c/w S Erardi and Triq P Grech | settled | various streets | **COUNCIL** |
| 39 | 25/02/2022 | Ilment dwar arblu tad-dawl quddiem blokka ta' appartamenti fi Triq K. Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **ENEMALTA** |

## 45.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI.

45.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

45.7.2 Rigward line item no.49, l-ammont ta' Eur7,250.01c tirrifletti l-kera tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill peress li skont il-kuntratt, hemm klawsola nru. 3 tal-ftehim li ssemmi żieda ta' 10% kull sentejn; l-awment jidħol fis-seħħ f'April 2022 u l-kera titħallas bis-sitt xhur bil-quddiem bejn April u Settembru.

45.7.3 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

45.7.4 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

45.7.5 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' tneħħija ta' materjal tal-kostruzzjoni, u clean up mingħand il-fornitur Charlie Mifsud għall-prezz ta' Eur1,700 VAT inkluż; *Nem con*.
2. Kwotazzjoni għal servizz ta' perizja mingħand il-fornitur Createit Architecture għall-prezz ta' Eur1,032.50 VAT inkluż. *Nem con*.

## 45.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

45.8.1 Applikazzjoni PA 1838/22 – Casa Zammit, Triq Mons. Pietru Pawl Saydon L-Iklin 'To sanction variations from PB 913/81 which include the construction of a domestic store at second floor level, correction of site configuration, changes to the façade and minor internal alterations.

45.8.2 Applikazzjoni PA 02205/22 – Farmhouse Triq tal-Balal, L-Iklin 'Alterations and additions to an existing farmhouse, including demolition of a highly dilapidated room, construction of habitable room at ground floor and one bedroom at first floor and sanctioning of roof over agricultural store.

## 45.9 SEJĦA GĦALL-AKKWIST PUBBLIKU ILC/T/1/2021.

45.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien qed jitħejja d-dokument tal-offerta għall-akkwist pubbliku dwar il-manutenzjoni tal-marki taż-żebgħa u sinjali tat-traffiku.

Imbagħad is-Sindku ippropona li jinħatar il-Bord tal-Evalwazzjoni kompost minn chairman, Segretarju, u tliet membri kif jidher hawn taħt: Dott. Dorian Sciberras bħala chairman, Etienne Montfort bħala s-Segretarju tal-Bord, il-Perit Julian Borg, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillier Bernice Farrugia. *Nem con*.

Il-kuntratt ser ikun fuq perjodu ta' erba' snin u l-ispiża tal-kuntratt qed tkun stmata li tlaħħaq Eur20K.

45.9.2 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprovaw l-ispiża.

45.9.3 Il-Kunsill approva l-ispiża *nem con*.

## 45.10 IKLIN COMMUNITY PROJECT LI SAR MILL-UNIVERSITÀ TA' MALTA (FSWB).

45.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Fakultà ta' Social Wellbeing mill-Università ta' Malta lestiet l-istudju xjentifiku dwar Iklin Community Project u għaddewh lill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Sindku informa li kien qara u xtarr ir-rapport filwaqt li stieden lill-Kunsillieri biex jaqraw u janalizzaw dan id-dokument. Wara li l-Kunsill investa f'dan il-proġett, qal li tkun ħaġa sabiħa li issir preżentazzjoni ta' dan ir-rapport. Informa wkoll li f'dan l-istadju, ir-rapport m'għandux jiġi disseminat minħabba l-*copyright* tiegħu hija tal-Università ta' Malta.

Żied jgħid li tkun ħaġa tajba li nitlobu lill-Fakultà biex naraw xi proċedura teżisti biex inkunu nistgħu nagħmlu kopji f'forma ta' ktieb.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li jkun jixraq li għall-preżentazzjoni ta' dan l-istudju, il-Kunsill joħroġ stedina lill-Onorevoli Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali, *shadow Minister* min-naħa tal-Oppożizzjoni, id-Direttur Ġenerali tal-Diviżjoni, il-Kappillan tal-Parroċċa Familja Mqaddsa, *Community Policing*, u *stakeholders* oħra importanti fosthom lil dawk il-persuni li ġew mistiedna għall-intervisti u pparteċipaw fil-*focus groups* bħala parti mill-istħarriġ u r-riċerka.

Is-Sindku Dott. Sciberras kompla billi qal li issa li l-Kunsill għandu f'idejh dan l-istudju jrid janalizzah u jibda jimplimentah. Żied jgħid li n-nuqqasijiet li ħarġu minn dan l-istudju jridu jiġi ndirizzati u għalhekk irridu ngħaġġnuh b'mod professjonali u jiġi mplimentat b'mod ħolistiku.

45.10.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit għamel mistoqsija interessanti lis-Sindku dwar jekk il-Kunsill kienx jaf bil-persuni li saritilhom l-intervista għaliex b'hekk wieħed jasal jifhem aħjar il-kuntest.

45.10.3 Is-Sindku wieġeb li kien hemm numru ta' parteċipanti li ġew mistiedna mill-Kunsill għaliex jew kienu jiffurmaw parti minn xi grupp jew membru/i fl-għaqdiet ta-lokal, sidien tan-negozji u individwi oħra li ġejjin minn kull strata tas-soċjetà.

45.10.4 Is-Sindku Dott. Sciberras qal li kien ser jagħti żmien suffiċċjenti lill-Kunsillieri biex ikollhom il-ħin kollu għad-dispożizzjoni tagħhom biex jaraw u jiflu dan l-istudju. Fil-mument li l-Kunsill ikun ippreparat għall-preżentazzjoni ta' dan l-istudju, issir il-loġistika biex dan ir-rapport ikun wieħed pubbliku.

Ikkonkluda li kien sodisfatt li l-membri tal-Kunsill emmnu f'dan il-proġett għaliex dan l-istudju xjentifiku jista jagħti direzzjoni aħjar lill-Kunsill biex iwettaq il-pjan tal-ħidma tiegħu b'mod konkret fis-snin li ġejjin.

## 45.11 ATTIVITÀ SOĊJALI GĦALL-OMMIJIET FL-OKKAŻJONI TA' JUM L-OMM

45.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex tippreżenta abbozz tal-attività proposta għal Jum l-Omm.

Wara diskussjoni, kien deċiż u maqbul li l-attività soċjali tkun skedata għal nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju. Kien deċiż ukoll li tintbagħat ċirkolari lir-residenti kollha tal-lokal filwaqt li ssir pubbliċità fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill.

45.11.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo biex tinġieb l-approvazzjoni tal-Kunsill.

45.11.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 45.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

45.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju 2022 fil-5.30 p.m.

45.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju 2022 fil-5.30 pm.

45.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.22 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |